MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 399/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Debono Josephine I.D. 116066 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-15 ta' Mejju 2008, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmu (€891.20), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tad-9 ta’ Frar 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmu (€891.20), bl-imghax u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------